



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 118/22

il-Lussemburgu, 6 ta' Lulju 2022

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' żewġ Membri ġodda fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2022, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu mit-30 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Awwissu 2022, lil Tihamér Tóth li qiegħed jissostitwixxi lil Barna Berke, u lil Beatrix Ricziová.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tal-membri l-ġodda.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett mill-11.30 fis-sit aċċessibbli permezz tal-link segwenti:
<https://c.connectedviews.com/05/LiveMeetings/cdj>

Curriculum vitae tal-membri l-ġodda

Tihamér Tóth

Imwieled fl-1971 f'Zalaegerszeg (l-Ungerija), Tihamér Tóth wettaq l-istudji fid-dritt fis-Szegedi Tudományegyetem (l-Università ta' Szeged, l-Ungerija), fejn kiseb diploma fid-dritt fl-1994. Huwa f'din l-istess università li kompli l-istudji dottorali u ddefenda t-teżi tiegħu fl-2001.

Fl-1994, huwa beda l-karriera professjonali tiegħu fl-Ungerija bħal ġurista mal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej, li suċċessivament sar parti tal-Ministeru għar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, tal-Ministeru għall-Industrija u għall-Kummerċ kif ukoll tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Bejn l-1997 u l-2001, huwa okkupa pożizzjoni ta' uffiċjal mal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Awtorità Ungeriża tal-Kompetizzjoni. Mill-2001 sal-2003, huwa kien membru u sussegwentement, mill-2003 sal-2009, President tal-Bord tal-Kompetizzjoni (l-Ungerija). Matul dan l-aħħar perijodu, huwa assumu wkoll il-funzjonijiet ta' Viċi President tal-Awtorità Ungeriża tal-Kompetizzjoni.

Mill-2009 sal-2022, huwa eżerċita l-professjoni ta' avukat fl-Ungerija b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Mill-1999, T. Tóth iddedika ruħu wkoll għall-karriera universitarja fil-Pázmány Péter Katolikus Egyetem (l-Università Kattolika Péter-Pázmány, l-Ungerija). Hemmhekk kien kelliem f'konferenzi bejn l-1999 u l-2010 u sussegwentement laħaq viċi dekan responsabbli, mill-2010 sal-2013, għar-riċerka u għar-relazzjonijiet internazzjonali, mill-2013 sal-2014, għall-kwistjonijiet relatati mal-istudenti u, mill-2015, għar-relazzjonijiet internazzjonali. T. Tóth inġenjar professur f'din l-università fl-2018. Bejn l-2019 u l-2022, huwa kien titolari tal-Katedra Jean Monnet tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Huwa awtur ta' numru ta' xogħlijiet u pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni.

T. Tóth inġatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Lulju 2022.

Beatrix Ricziová

Imwiela fl-1981 fi Bratislava (is-Slovakkja), Beatrix Ricziová kisbet mill-Univerzita Komenského v Bratislave (l-Università Comenius ta' Bratislava, is-Slovakkja) master fid-dritt fl-2005 qabel ma ngħatat dottorat fid-dritt fl-2012.

Hija bdiet il-karriera professjonali tagħha bħala assistenta legali f'uffiċċju ta' avukat fis-Slovakkja mill-2002 sal-2004. Mill-2003 u għal numru ta' snin, hija wettqet xogħol ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni matul avvenimenti organizzati mill-muniċipalitá ta' Stupava (is-Slovakkja).

Bejn l-2005 u l-2006, B. Ricziová ngħaqdet, bħala ġurista, mal-Istitut għall-Approssimazzjoni tal-Liġijiet tal-Uffiċċju tal-Gvern tas-Slovakkja u sussegwentement, mill-2007 sal-2008, mal-Uffiċċju tal-Aġent Prinċipali Responsabbli għar-Rappreżentanza tas-Slovakkja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja Slovakk. Bejn l-2009 u l-2022, hija assumiet il-funzjonijiet ta' aġent prinċipali tas-Slovakkja quddiem il-qorti tal-Unjoni.

B. Ricziová hija wkoll membru, mill-2007 sal-2010, tal-Kumitat Permanenti għad-Drittijiet Ċivili u Kummerċjali tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern tas-Slovakkja u, mill-2012 sal-2015, tal-Kumitat għall-Kodifikazzjoni mill-Ġdid tal-Liġi Proċedurali Ċivili fis-Slovakkja.

B. Ricziová nġatret Imħallef fil-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Lulju 2022.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

